# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 18 /2024

**Data tal-laqgħa:** 14 ta' Lulju , 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |
| Bernice Caruana | ***Kunsilliera*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |



FD

# MINUTI

## 18.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

18.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 17

18.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet il-minuti tal-laqgħa numru 17 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill- kunsillier Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

18.3.1 Is-Sur John Borg għamel kommunikat fuq vjal kulħadd, fejn ippropona xi ideat u proposti. Il-komunikat intbagħat lill-perit u wasal feedback, iżda l-proposta biex jiġu pparkjati karozzi mal-bankini ma tistax tiġi approvata.

18.3.2 Intbagħat komunikat mis-Sa. Angie Laus biex tiltqa' ma' rappreżentant biex jiddiskutu fuq Ħal Kirkop u ħa jkollu laqgħa magħha s-Sindku Matthew Agius Zammit biex jiddikutu eżatt x'qed tirrikjedi.

18.3.3 Intbagħat komunikat mingħand xi ħadd li jagħmel il-crochet u li jista' joffri s-servizz tiegħu fuq dan il-passatemp, il-kunsillera Loranna Bonnici ħa tagħmel komunikat ma' din i-persuna biex naraw x'servizz tista' toffri.

18.3.4 Is-Sindku Matthew Agius Zammit kien preżenti għal-laqgħa rigward - PA 2403/14 - To construct Class 6A Warehouses at basement level with car parking and administration block including all the necessary facilities at ground floor level with landscaping. Site at Triq Il- Madonna Tad- Dawl, Kirkop, Malta.

18.3.4.1 Dawn kienu xi punti li ssemmew matul din il-laqgħa - Fl-2014 Stephen Mizzi ppreżenta applikazzjoni għal żewġ sulari ta' warehouses. Din ġiet miċħuda u tressaq appell. Reġgħu applikaw, u bħalissa reġa' ġie propost mill-ġdid.



FD

18.3.4.2 Is-Sindku ressaq bosta mistoqosjiet fosthom jekk ħa jkunx hemm moniteraġġ mill-SCH ta' kuljum, fuq trabijiet u tniġġis, traffiku kif ukoll id-djuq ta' rampa; u kif dan kollu ħa jkun ta' impatt fuq ir-residenti.

18.3.5 Il-laqgħa li jmiss ta' Vjal Kulħadd ħa tkun il-31 ta' Lulju 2025 fis-5:00pm biex jiġu diskussi pjanti ġodda u affarijiet oħra relatati mal-proġett.

18.3.6 Il-Kunsill qabel li jsir il-ħlas relatata mal-Life Policy ta'ħaddiema kollha tal-Kunsill.

18.3.7 Il-membri kollha qablu li tingħata 'no objection' fuq garanzija ta' bank fuq il-permess PA3717/20.

18.3.8 Ġie kkomunikat li s-Supretendent inbidel u issa hemm Is-Sur Roderick Agius. Il-membri qablu li ssir lagqħa miegħu biex ikun hemm introduzzjoni tal-membri kif ukoll diskussjoni fuq ix-xogħol li jsir min-naħa tal-Kunsill.

18.3.9 Wasal ukoll komunikat li Transport Malta b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi għadhom kemm nedew inċentivi finanzjarji ġodda li jkopru dawn is-sottoskemi li ġejjin:

- xiri ta' roti
- konverżjoni ta' roti għall-*pedelecs*
- installazzjonijiet ta' *racks* tar-roti
- stazzjonijiet ta' tiswija tar-roti u faċilitajiet relatati

Il-Kunsill qabel li japplikaw għal dawn is-sottoskemi, u li jkun hemm iktar informazzjoni fuqhom.

18.3.10 Wasal kommunikat ukoll min TM li mhux ħa jiġu aċċetati iktar ritratti minn Google maps, iżda r-ritratti kridu jkunu oriġinali.

18.3.11 Is-sindku wasal kommunikat fuq Tismija tat-Toro għall- ġnien li hemm ġewwa t-Triq Nerik Xerri u l-membri qablu li jingħata isem għall-Kunsill, għalhekk bi qbil unanimu qablu li jingaħata l-isem ta 'ĠNIEN IL-KUNSILL LOKALI ĦAL KIRKOP'.

## 18.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillera

18.4.1 Il-Kunsillera Ritienne staqsiet jekk il-3 kurduni ta Triq in-nejder kienux saru. Is-Sindku rrisponda li l-ħaddiema preżenti tal-Kunsill ma jagħmlux kurduni. Għalhekk ippropana li jsir bdil ta' xogħol mal-kunsill ta' Ħal safi. Min-naħa tal-Kunsill Kikrop jingħata ħaddiem u vann darba fil-ġimgħa għal xahar u min-naħa tal-kunsill safi jiġu jagħmlu l-kurduni. Ma' dan il-membri kollha qablu.



FD

18.4.2 Il-Kunsillera Ritienne Caruana staqqsiet fuq x'sar rigward il-ħaddeim Mario Abela u ġie kkonfermat li rċieva l-ittra u postu ġie assigurat għal-sena oħra.

18.4.3 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana stqasiet x'aġġornamnet kiene hemm fuq ix-xelters. Is-Sindku wieġeb li peress li hemm ix-xogħol għadej fuq l-isqaq ta' Triq il-kbira, qabel ma jitlesta x-xogħol ma jista' jsir l-ebda intervent.

18.4.4 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana ssuġġerit li r-residnti jiġu magħrfa x'qed isir f'rigward il-proġett, iżda ma' dan il-membri kollha ma qablux għax jistgħu jinbidlu xi affarijiet.

18.4.5 Il-Kunsillera Loranna Bonnici waslet mistoqsija jekk jistax isir studju fuq l-intervent li għamlet il-membru parlmentari Katya Giovanni fuq carrying capacity plan – l-istudju propost huwa biex ikun hemm studju fuq iktar dettall tal-area tal-lokal bħal kemm jifħal bini, arja miħuda, x'tip ta nies hemm jgħixu fil-lokal bħal anzjani u żgħażagħ. Jekk l- infrastruttura hux qed tiflaħ għaż-żieda ta' ilma dawl u drenaġġ. Il-Kunsillera Loranna Bonniċi qalet li dan ikun qisu l-ID card ta' Ħal Kirkop biex b'hekk ikun hemm pjan għall-futur.

18.4.5.1 Il-Kunsillera Loranna aċċenat li taf li l-istudju jiswa' l-flus, u mhux qed tgħid biex jidħol fi spiża l-kunsill imma jkun hemm talba lil entitajiet bħall-awtorità tal-ipjanar biex tiffandja dan l-istudju.

18.4.6 Il-Kunsillier Joseph Schembri ssuġġerixa biex fejn hemm il-klinika bħalissa hemm sleeping police biex minflok issir zebra crossing. Din hija proposta li trid titwassal għand Transport Malta fejn ukoll tista' ssir propsta lil 'public Works'

## 18.5 Diskussjoni Tenders

18.5.1 Ġew diskussi t-tenders u li ħa jinżamm l-istess kapital ta' infieq. Ħlief għat-Tender ta-Ġardinar

18.5.2 Il-membri ddiskutu li t-tender tal-ġardinar għandu jogħla għall - €9000 f'sena għax bħalissa qiegħda €8300. Dan għandu jiġi diskuss mal-ġardinar preżenti u meta jsir it-tender ikun hemm punti li jiġu ċċarati iktar.

18.5.3 Il-membri qablu li għal letrina ħa jinġabru quotes u r-rikomandazzjonijiet għandhom ikunu iktar ċari speċjalment il-frekwenza ta' kemm din tiġi mnadfa.



FD

## 18.6 Dekasteri

18.6.1 Il-membri qablu li jkun hemm xi tibdil fid-dekasteri.

18.6.2 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ta d-dekasteru tal-anzjani lill-Kunsillera Ritienne Caruana.

18.6.3 Waqt li d-dekasteru tal- indafa u l-manutenzzjoni li bħalissa jinsab taħt is-Sindku Matthew Agius Zammit ħa jkun maqsum mal-kunsillier Joseph Schembri.

18.6.4 Ma' dan it-tibdil kien hemm qbil unanimu mil-membri kollha.

## 18.7 Sotto kumitat

18.7.1. Il-Viċi Sindku Bernice Caruana waslet suġġeriment biex dawk il-kunsillera li jixtiequ fid-dekasteru tagħhom ikollhom iktar 'input' mir-residenti għandu jinħloq sottokumitat.

18.7.2 Ma' dan il-membri qablu li dan għandu jkun fid-deċiżjoni tal-kunsiller skond id-dekasteru tiegħu/ tagħha, u kien hemm qbil li tinħareġ ittra lir-residenti biex għalissa il-kunsill ikollu idea tal-interess tar-residenti.

18.7.3 Il-membri kollha għamluha ċara li meta jinħoloq is-sotto kumitat, id-deċiżjoni xorta tkun f'idejn il-kunsill u dak kollu diskuss fis-sotokumitat jiġi preżentat lill-membri kollha tal-Kunsill; speċjalment meta tkun triq titiħed xi deċiżjoni jew vot.

## 18. 8 Revision Classes

18.8.1 Il-kunsilliera Loranna Caruana ssuġġerita biex f'Awwissu u settembru isiru revison classess għall-istudenti tal-primarja. Ma' dna il-membri qablu, għalhekk is-Sa. Loranna ħa tagħmel kommunikat mal-FES biex tara jipprovdux għalliema għal dan is-servizz

## 18.9 Triq Santu Rokku

18.9.1 Fit- 28 ta' Lulju ħa ssir laqgħa mar-residenti ta' Santu Rokku



FD

18.9.2 Ġie ssuġerit biex fi dħul ta' Triq Santu rokku, titwaħħal tabella one way minn 7pm - 4 am except for residents - almenu ssir din it-tabella sakemm isir it-triq.

18.9.3 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ddiskuta li jekk tingħalaq Triq Santu Rokku, irid isir l-istess mod fi Triq san Anard għax it-tnejn li huma bla bankina u dan jista' joħloq preċedent.

18.9.4 Is-Sindku ssuġġerixa wkoll li Triq il-kbira tiġi 2 way u tkun mingħajr parkeġġ u għal dan il-Kunsiller Joseph Schembri astjena.

18.9.4.1 Il-Kunsillier Jospeh Schembri qal biex jiġu ċċekkjati l-minuti ta' erbgħa jew ħames snin ilu fuq din il-proposta li Triq il-Kbira tiġi 2 ways biex b'hekk il-Kunsill preżenti ma jmurx konra d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' qabel. U ma' dan il-membri qablu kollha.

## 18.10 Rapport Anwali tal-Awdituri

18.10.1 Ir-Rapport tal-Awdituri ġie ppreżentat lil-membri tal-Kunsill fejn kull punt ġie diskuss.

18.10.2 Il-membri qabllu li jimxu fuq is-suġġerimenti li ngħataw mil- evalwazzjoni li saret.

## 18.11 Rapport tal-ilmenti

18.11.1 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana staqsiet f'hiex wasal it-tindif tal-oqbra puniċi fi Triq iż-Żebbiegħ. Il-membri tal-cleansing ġew infurmati iżda ħa jerġa' jsir kommunikat ieħor ta' tfakkira.

18.11.2 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi waslet ilment li qed isir mir-residenti ta' Triq san Anard fejn taż-żibel qed jidħol bir - reverse. Qabel kien jinġabar mit-tarf tat-triq u issa m'għadux. Dan ukoll b'konsegwenza li meta jidħol qed jifqa l-Concrete Drain Cover; bil-konsegwenza li qed jitilgħu il-ġrieden. Fil-fatt bħaliisa tinsab mkissra.

18.11.2.1 Il-membri qablu li jittiħed riratt tad-Drain cover mkisser, jingħata lil taż-żibel biex b'hekk jirrangħa hu.

18.11.3 Wasal ilment il-kunsill li fejn l-ST Microelectronics hemm 'shrubs' li qed ikunu ta' tfixkil, għalhekk il-kunsill qabel li jintbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill biex dawn isiru.

18.11.4 Ilment ieħor li daħal il-kunsill kien rigward mirja quddiem Triq Mons. Barbara biex b'hekk is-sewwieqa jkunu jistgħu jaraw min ġej minn Triq Santu Rokku. Ma' dan kien hemm qbil unanimu li din il-mirja ssir.

## 18.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

18.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru 163 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

18.12.2 Il-Kunsilllera Loranna Bonniċi resqet mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 163 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Matthew Agius Zammit, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 18.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

18.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

18.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 6 t'Awwisu, 2025 fil-17:00hrs.

18.13.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20.00.

Kunsill Lokali Ħal Kirkop
parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243
**Franklan Debono**
*Executive Secretary*

Kunsill Lokali Ħal Kirkop
parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243
**Matthew Agius Zammit**
*Sindku*



FD

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners

**Mozzjoni Ref:** 49 /25 /10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 163 tiġi approvata.

**Proponent**
Loranna Bonniċi

**Sekondant**
Matthew Agius Zammit

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 14 ta' Lulju , 2025

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**



FD

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non inert

**Mozzjoni Ref:** 50 /25/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 17

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Lulju , 2025

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**



FD